**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 695/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**Manwel Gafa', iben Guzeppi u**
**Giovanna nee Cassar, mwieled**
**Marsaxlokk fl-14 ta' Dicembru, 1948**
**u residenti 'Starfish', Triq l-Arznell,**
**Marsaxlokk, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 1073848 (M).**

**Illum 24 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Manwel Gafa' li gie akkuzat talli fil-perjodu 13 ta' Mejju, 1992 u 17 ta' Settembru, 1998, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond 'Starfish', Triq l-Arznell, Marsaxlokk, jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi post liema serq jammonta ghal Lm 298.42 ghad-dannu ta' Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u hin u l-ammont, (b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent

elettriku, aktar talli ghamel hsara jew kisser gumni uzati fil-provista ta' l-elettriku jew sigilli taghhom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix- xhieda.

In vista ta' l-ammissjoni tieghu qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti u dan wara li rat l-art 261, 263, 264, 278 tal-Kap 9 kif ukoll l-art 17 ta' l-imsemmi Kap.

In vista tax-xhieda ta' Silvio Decelis li hu qieghed ihallas is-somma dedotta fl-akkuza qeghda bhala piena tapplika l-art 9 tal-Kap 152 b'dan illi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.